MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 363/2002/1

**Anthony u Doris konjugi Schembri**

**vs**

**Raymond Mizzi**
**u b'digriet tal-5 ta' Dicembru tas-sena 2002**
**Christian Formosa kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun kkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' elf u mitejn Lira Maltin (LM1,200) rappresentanti arretrati ta' sentejn kera, bi skadenzi ta' kera ta' hamsin Lira Maltin (LM50.00,0), fix-xahar, u dana gravanti l-fond 46, St.Mary Street, Hamrun;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b'hekk il-konvenut jigi minn issa ngunt in subizzjoni.**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi in linea preliminari l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom;**

**2. Illi l-konvenut kera l-fond in kwistjoni minghand l-atturi f'perjodu meta dawn kienu l-utilisti ta' tali fond. Izda c-cens tal-atturi ttermina circa sena ilu u ghalhekk il-konvenut ma baqax ihallas il-kera lilhom;**

**3. Illi in effetti l-kera sad-19 ta' Awissu tas-sena 2001, thallset lill-atturi kif jista' jigi stabbilit mill-annessi Dok RM1, RM2, RM3 u RM4 mentri l-kera ghall-perjodu mill-20 ta' Awissu tas-sena 2001 sal-20 ta' Gunju tas-sena 2002 thallset lid-directus dominus, certu Cristian Formosa, kif jirrizulta mill-anness Dok RM5, RM6 u RM7;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-verbal taghha datat il-5 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu ordnat il-kjamat in kawza ta' Christian Formosa;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza fuq indikat fejn issottometta s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponent u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;**

**2. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Rat il-verbal taghha datat l-20 ta' April tas-sena 2004 li permezz tieghu ordnat li l-kawza tkun rikjamata ghall-kjarifika li hasset necessarja ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;**

**Rat ir-rikors ta' l-atturi datat is-17 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz tieghu talbu korrezzjoni fis-sena li n-numru tal-fond minnhom indikat fl-avviz promotur ghandu minflok jaqra 47;**

**Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-atturi datat it-28 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu rtira r-rikors taghhom tas-17 ta' Mejju tas-sena 2004 u talab li jipprezenta nota fir-rigward;**

**Illi din il-Qorti tinnota li l-atturi baqghu inadempjenti;**

**Ikkunsidrat:**

**1. Illi wara dan kollu l-atturi xorta ghadhom jippretendu ammont f'arretrati ta' kera sew mill-konvenut jew mill-kjamat in kawza fuq indikati rigwardanti l-fond minnhom indikat fl-avviz promotur, senjatament il-fond numru <u>46</u>, St. Mary Street, Hamrun;**

**1. Illi pero' mix-xhieda guramentata ta' l-istess attur; mill-iskrittura privata datata s-7 ta' Mejju ta' l-1986 redatta bejn l-istess attur u l-kjamat in kawza, (ara fol 33 u 43); skrittura privata ohra datata s-17 ta' Gunju ta' l-1987, (ara fol 34 u 42); ohra datata l-20 ta' Gunju, 1996, (ara fol 44 u 53); flimkien ma' fotokopji tar-ricevuti tal-ktieb tal-kera, (ara fol 6 sa 12); kollha jindikaw il-fond bhala li jgib in-numru <u>47</u> u mhux 46 ta' St. Mary Street, Hamrun;**

**2. Illi fix-xhieda tieghu stess l-attur addirittura jiddikjara li "l-fond meritu ta' din il-kawza bin-numru 47, St. Mary Street, il-Hamrun", (ara fol 31);**

**3. Illi ghalkemm il-konfuzjoni fin-numru civili tal-fond meritu ta' din il-procedura hija ovvja pero', nonostante li l-atturi nghataw il-possibilita' tal-kjarifika jew tal-korrezzjoni xorta naqsu milli jindirizzaw din l-anomalija nonostante l-opportunita' koncessa fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u konsegwentement dan ma jistax jitqies bhala lapsus dattilografiku;**

**Illi in vista tal-premess hu ghalhekk ovvju li ghalkemm it-talba kontenuta fl-avviz tindika fond partikolari, (in-numru 46 tat-triq de quo), pero' x-xhieda ta' l-attur u d-dokumenti minnu esebiti jirrigwardaw fond iehor, (in-numru 47 tat-triq de quo);**

**Illi fin-nuqqas ta' certezza ta' l-oggett meritu ta' din il-kawza din il-qorti ma tqisx li l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi u filwaqt li qed tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez bhala mhux pruvati, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat in kawza kif jidhru a fol 5 u 29, bl-ispejjez.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------